MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 24

17 ta` Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa– Kunsillier
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall ippresjeda l-laqgħa.

## 24.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.1.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li xoghlijiet fil-Berga tal-Ingliterra waslu fil-final taghhom. Kompla jghid li dwk l-anzjani li jifilhu jitilghu taraf jisghtu jitilu facilment ghax it-tarag huwa acessibbli. Barra minn hekk zied jghid li l-berga ta` sahha qed tintuza fuq bazi regolari. Is-Sur Boxall qal li ghandha tissejjah laghqa mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr. Justyne Caruana biex tinstab data ghall-ftuh.

24.1.2 Is-Sindku qal li dwar il-bust ta` Dun Guzepp ghad ma nstabx il-post u bhal ma ntqal fil-laqgha precedeni s-Sur Trevor Mizzi kien propona li l-bust issir faccata ta` Tunnanu f`Couvre Porte. Is-Sur Boxall kompla jghid li f`dik il-faccata hemm kamra u jkun ghaqli li jsirx hemm il-bust u dan ghal fatt li hemm kamra li l-Kunsill jista` jaghmel utilizazzjoni minnha. Fl-opinjoni tas-Sindku dan il-bust issir fejn il-bustijiet l-ohra. Dwar dan is-Sur Gellel kompla jsostni li ma jaqbilx mal-post propost. Is-Sur Gellel kompla billi qal li fil-laqghat precedenti ma kienx gie deciz kif qieghed jintqal f`din il-laqgha, ghalhekk wiehed irid jerga` jiddiskutiha. Dwar il-kamra li hemm maghluqa, is-Sindku talab li ninfurmaw il-Lands Department bil possibilta li l-kamra tigi devoluta l-Kunsill.

Is-Sindku zied jghid li ghandha tigi ppubblikata lista ta` dawk l-individwi li sa` llum taw id-donazzjoni taghhom sabiex issir il-bust tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana. Dwar dan kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

24.1.3 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li dustbins tal-pjazza waslu l-Kunsill.

24.1.4 Wara li l-Kunsill iddiskuta fit-tul l-attivita ta` tfal ghall-Jum Dinji ta` Tfal gie deciz li din flok issir fl-20 ta` Novembru 2016, issir Festa ghat-Tfal relatata mall-attivitajiet tal-Milied. Ghal din l-attivita l-Kunsill ivvota somma ta` elf ewro.

24.1.5 Is-Sur Boxall qal li ghall-konferenza li saret fil-belt ta` Cisternino fl-Italja, id-delegazzjoni li prezentat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu marret tajjeb hafna. Is-Sindku zied jghid li diga deher filmat ta` din il-konferenza fuq il-programm ta` Malta u Lil Hin Minnha nhar il-Hadd 12 ta` Novembru 2016.

24.1.6 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li laghqa mas-sidien li ghandhom il-hamiem saret u ghal din il-laqgha kienu prezenti tlieta minn nies minn disgha. Is-Sindku kompla jghid li issa ghandha ssir laqgha mar-rapprezentanti tal-culling biex tigi ffissata data. Barra minn hekk gie deciz ukoll li l-Kunsill ghandhu jiccekja meta huma tigrijiet tal-hamiem.

24.1.7 Dwar l-information boards fuq il-lokalita tal-Birgu, is-Sindku qal li kellha ssir laqgha imma sfortunatament din ma saritx ghalhekk trid terga tinstab data ohra biex issir laqgha ohra mas-Sinjura Francelle Caruana mill-MTA.

24.1.8 Gie deciz li jigi kkuntatjat il-Perit, is-Sur Mark John Scicluna biex issir l-alignment tal-bicca art li hemm quddiem fejn kien hemm il-forn u dan sabiex jigi zviluppat.

## 24.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.2.1 Is-Sur John Boxall qal li llum stess gew rapprezenanti minn Transport Malta flimkien mal-Perit u s-Sur Micheal Cohen biex jaraw il-hsarat li ngarbu kawza tal-maltempata li ghamlet fi Triq il-Mandragg (Sally Porte). Il-Kunsill gie nfurmat li xoghlijiet ser jinqasmu fuq tlett fazijiet billi fl-ewwel fazi jsir xoghol li huwa urgenti u ta` emergenza billi jinghata konkos it-toqob u l-hofor li hemm. Fit-tieni fazi jinbeda il-progett li ser jigi pprezentat lill-Kunsill tal-Birgu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu dwar dan id-disin qabel jinbeda l-progett. It-tielet fazi hija li f`kaz ikun hemm bzonn isiru xoghlijiet ohra, tinghata estinzjoni tax-xoghlijiet.

24.2.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li nhar il-Hamis 24 ta` Novembru 2016 ser issir laqgha mal-Onorevoli Joe Mizzi u rapprezentati ohra tar-Regatta sabiex jiddiskutu l-permessi li gew approvati ftit tal-jiem ilu. Is-Sur Boxall qal li jkun ferm ahjar flimkien mieghu jkun prezenti wkoll rapprezentant iehor mill-Kunsill.

24.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li tender tal-accounants ser jiskadi fl-ahhar tas-sena, 31 ta` Dicembru 2016. Is-Segretarju Ezekuttiv kompliet tghid li l-accountants Parkell Randall & Turner li l-Kunsill ghandhu fil-prezent qed jahdem u jibni sistema gdida ta` accountants u dan sabiex il-Kunsill ikun f`pozzizjoni ahjar biex ikun jaf is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu x`inhi u kif jista` jtejjieba. Wara diskussjoni li saret, is-Sindku propona li tkun decizjoni ghaqlija jekk dan it-tender jigi mgedded ghal sena ohra. Ghal dan issekonda s-Sur Lawrence Attard u kien hemm qbil unanimu.

## 24.7 *Items* oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa *(Issues Pendenti)*

24.7.1 Is-Sur Trevor Mizzi nforma l-Kunsill sabiex jekk huwa possibli jinxtraw il-kotba ta` Sur Darren Agius, zghazugh mill-Birgu bl-isem “Destin Miktub” ghall-Librerija Regjonali.

24.7.2 Dwar l-attivitajiet tal-Milied, is-Sur Boxall qal li l-Kunsill ghadhu qed jistenna dik is-somma flus li l-istess Kunsill kellhu jiehdu mill-progett LADDER sabiex NGO mill-lokalita tkun tista` tella attivita relatata mal-Milied. Wara diskussjoni gie deciz li l-Kunsill xorta jixghel tlett toroq bid-dawl tal-Milied; dik ta` Triq il-Mina l-Kbira, Triq Hilda Tabone u l-Pjazza tal-Belt Vittoriosa. Ghal dan il-Kunsill qabel li jingibu l-kwotazzjonijiet sabiex ikun jista` jiehu decizjoni.

24.7.3 Is-Sur Trevor Mizzi propona sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu japplika mal-Awtorita kkoncernata sabiex fil-lokalita jkollna bank tal-hwejjeg. Dwar din kien hemm qbil unanimu.

## 24.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3210 – 3269 u cekk numru 3126 u HSBC cekkijiet numru 9582 – 9585 . Il-Kunsill approva b’mod unanimu l-Iskeda ta’ Pagamenti ddatata l-19

ta’ Ottubru, 2016 sal-17 ta` Novembru, 2016.

## 24.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm)u ġiet aġġornata l-kotinwazzjoni tal-istess laqgha Nru 24 ghal Gimgha 18 ta` Novembru 2016 fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm)

Konfermati, illum 13 ta` Jannar 2017

IFFIRMATA

John Boxall
Sindku

IFFIRMATA

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv